# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 10 ta' Jannar, 2022**

**Numru 3**

**Rikors Numru 546/09 TA**

**Muhiddin Ahmed Ibro (ID: 0046714(A))**

**vs**

**Greenlines Environmental Limited (14868) u**
**Mario Ebejer (ID No: 544771(M))**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Muhaddin Ahmed Ibro (l-Attur) tal-5 ta' Ġunju 2009 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

"1. Illi r-rikorrent Muhiddin Ahmed Ibro kien impjegat mas-socjeta` konvenuta;

2. Illi f'incident li sehh nhar fil-31 ta' Awwissu, tas-sena 2008, waqt il-hin tax-xoghol u matul il-qadi tad-doveri tieghu fuq trakk tal-gbir ta' l-iskart tas-socjeta` konvenuta misjuqa mill-intimat Mario Ebejer (ara r-rapport anness u mmarkat bhala **Dok. MAI 1)**, ir-rikorrent sofra debilita` permanenti kif ser jigi ppruvat fil-mori ta' dan ir-rikors;

3. Illi ghall-istess incident u danni konsegwenzjali huma unikament responsabbli l-intimati jew min minnhom u dan b'tort, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti applikabbli u wkoll stante li naqsu milli jiehdu dawk il-mizuri u dawk il-prekawzjonijiet necessarji li setghu jevitaw l-incident in kwistjoni u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori ta' dan ir-rikors;

Ghaldaqstant tghid is-socjeta` konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

(1) Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimati jew min minnhom huma responsabbli ghall-incident li sehh nhar il-31 t'Awwissu, 2008 waqt il-hin tax-xoghol, f'liema incident ir-rikorrent Muhiddin Ahmed Ibro sofra debilita` permanenti;

(2) Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent b'konsegwenza ta' l-imsemmi incident, okkorrendo bin-nomina ta' Periti nominandi;

(3) Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ihallsu lir-rikorrent dik is-somma li tigi hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-imghax, bl-ispejjez u bir-riserva ta' kull dritt u azzjoni fil-ligi, bl-ingunzjoni tal-konvenuti in subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata tas-Soċjeta' kummerċjali Greenlines Environmental Services Limited (is-Soċjeta' konvenuta) tal-15 ta' Jannar 2010 li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

"1. **Ir-rikorrenti Muhiddin Ahmed Ibro mhuwiex impjegat mal-konvenuta:**

1.1. Illi r-rikorrent mhuwiex impjegat mal-kumpanija Greenlines Environmental Services Limited imma kien sempliciment jitqabbad jahdem xi gurnata okkazjonalment bhala independent contractor, jekk ir-rikorrenti jkollha volum kbir ta' xoghol.

1.2. Illi fil-gurnata meta sehh l-incident in kwestjoni ir-rikorrent ma kienx tqabbad biex jahdem mill-kumpanija esponenti – tant hu hekk illi d-direttrici tal-kumpanija Suzanne Zammit li tiehu hsieb l-allokazzjoni ta' xoghol kienet imsiefra u certament ma talbitx lir-rikorrenti sabiex jidhol xoghol.

1.3. Illi jista jigi ulterjorment ippruvat li dik ir-ronda (Tas-Sliema) tal-gbir tal-iskart issir minn persuna wahdu;

1.4. Illi anzi kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kaz dakinhar li sehh l-incident hu ma kellux jkun xoghol ghall-kumpannija intimata.

**2. Il-kumpanija esponenti mhijiex responsabbli ghall-incident akkadut**

2.1 L-esponenti tichad illi l-incident u l-allegati danni konsegwenzjali sehhew b'xi tort jew nuqqas taghha. Tichad ukoll illi hija naqset li tiehu mizuri jew prekawzjonijiet necessarji li setghu jevitaw l-incident.

2.2 Ghall-kuntrarju, l-esponenti kienet ipprovdiet lil Muhiddin Ahmed Ibro b'*safety shoes*, safety jacket, helmet u safety gloves hekk kif taghmel mal-haddiema taghha, u d-direttrici Suzanne Zammit kemm-il darba insistiet mar-rikorrent illi dan ghandu jintlibes. Meta giet mis-safar l-esponenti sabet li r-rikorrenti kien halla z-zarbun tas-safety tieghu fuq ix-xoghol u meta marret tarah l-isptar dan qalilha li minflok dahal il-yard tal-esponenti huwa kien ingabar mill-konvenut l-iehor Mario Ebejer l-Imsida u baqaw sejrin tas-Sliema fejn sehh l-incident allegat. Kien ir-rikorrent illi ghazel illi ma jilbisx is-*safety shoes* u kieku ghamel hekk dan l-incident sfortunat kien jigi evitat.

**3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-danni allegati jridu jigu ippruvati.**

**4. Illi ai termini tal-artiklu 158(3)(c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-intimata tiddikjara illi, ghar-ragunijiet fuq imsemmija il-fatti esposti fir-rikors guramentat huma lkoll kontestati u jehtieg li jigu ippruvati.**

**5. Salvi eccezzjonijiet ohra li jistghu jitressqu skond il-ligi.**

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-7 ta' Ottubru 2008 fejn l-intimata kienet gja nfurmat lir-rikorrenti bil-posizzjoni taghha, kontra r-rikorrenti li huwa minn issa ngunti ghas-subizzjoni."

Rat is-Sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili tat-13 ta' April 2016 li minnha interponiet Appell is-Soċjeta' konvenuta permezz ta' rikors tat-2 ta' Mejju 2016.

Rat ir-risposta tal-Attur għar-rikors tal-appell imsemmi.

Rat ir-risposta tal-appell u l-appell inċidentali tal-konvenut tat-13 ta' Marzu 2018.

Rat is-Sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta' Ġunju 2021 li permezz tagħha ħassret is-Sentenza tal-Prim Awla fuq imsemmija u bagħtet l-atti

lura lejn din il-Qorti biex wara li l-konvenut jiġi notifikat tisma’ u taqta’ s-Sentenza mill-ġdid.

Rat id-digriet tagħha tat-3 ta’ Awwissu 2021 fejn il-Kawża ġiet appuntata għas-smiegħ għad-29 ta’ Settembru 2021.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut tal-14 ta’ Ottubru 2021.

Rat l-atti kollha tal-Kawża.

Rat li fis-seduta tat-8 ta’ Novembru 2021 il-partijiet qablu li l-ewwel ma għandha tkun trattata l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-konvenut dwar il-preskrizzjoni (a’ fol 327).

Rat li fis-seduta tal-1 ta’ Diċembru 2021 l-abbli difensuri tal-partijiet trattaw l-eċċezzjoni u li l-Kawza tħalliet għallum għas-Sentenza dwar din l-eċċezzjoni.

**Punti ta’ fatti**

**1.** Dak li qiegħed jissottometti l-konvenut fir-rigward tal-eċċezzjoni trattata huwa mibni fuq fatti kronoloġiċi tal-iter li jirrigwarda l-presentata tal-atti tal-Kawża u s-sensiela sekwenzjali fil-perkors ta’ din il-Kawża.

**2.** L-inċident mertu tal-Kawża seħħ fil-**31 ta’ Awwissu 2008.**

**3.** Il-Kawża ġiet intavolata kontra ż-żewġ konvenuti fit-**8 ta’ Ottubru 2009**. Għalhekk ma għandu jkun hemm ebda dubbju, li l-azzjoni ġiet presentata manifestament entro t-terminu ta’ żmien ta’ preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili.

**4.** B'Sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tat-**13 ta' April 2016**, il-Konvenuti ġew solidalment ikkundannati jħallsu lill-Attur id-danni fl-ammont ta' €54,740.

**5.** Permezz ta' rikors tat-**2 ta' Mejju 2016**, is-Soċjeta' konvenuta appellat mis-Sentenza fuq imsemmija.

**6.** Permezz ta' nota informattiva tat-**8 ta' Novembru 2016**, il-Konvenut Mario Ebejer spjega li hu qatt ma kien ġie notifikat validalment bl-atti tal-Kawża u li sar jaf biha minn raportaġġ fil-media lokali.

**7.** Fit-**22 ta' Frar 2018**, il-konvenut Mario Ebejer ġie notifikat formalment bl-atti tal-Kawża.

**8.** Fit-**3 ta' Marzu 2018**, il-Konvenut Mario Ebejer għamel risposta għall-appell u kif ukoll interpona appell inċidentali.

**9.** B'Sentenza tal-Qorti tal-Appell Superjuri tat-**30 ta' Ġunju 2021**, is-Sentenza appellata ġiet imħassra u l-atti ntbagħtu lura lil din il-Qorti u dan sabiex wara li *l-konvenut ikun notifikat bl-atti, tisma' u taqta' l-Kawża mill-ġdid*.

**10.** Fis-seduta tad-**29 ta' Settembru 2021** il-konvenut Mario Ebejer ta ruhu notifikat bl-atti tal-Kawża.

**11.** Il-Konvenut Mario Ebejer, intavola risposta ġuramentata **fl-14 ta' Ottubru 2021** fejn fost eċċezzjonijiet oħrajn eċċepixxa preliminarjament, li sa fejn jirrigwarda lilu, l-azzjoni ittentata mill-Attur hija preskritta ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili.

## Punti legali

**12.** Il-Konvenut Mario Ebejer jsostni li minn meta seħħ l-inċident, cioe' fil-32 ta' Awwissu 2008 sakemm ta ruhu notifikat bl-atti tal-Kawża u cioe' 29 ta' Settembru 2021, il-perjodu komminat mill-liġi f'artikolu 2153 għadda. Dan ifisser li l-azzjoni li qed jittenta l-Attur hija estinta bil-preskrizzjoni ta' sentejn għaliex qatt ma ġie notifikat bl-atti tal-Kawża kif trid il-liġi.

**13.** Tajjeb ukoll li jkun rilevat li fis-Sentenza tagħha qalet hekk:

*"Il-Qorti ghalhekk thassar is-sentenza appellata u tibghat l-atti lura lill-ewwel qorti sabiex , <u>wara li l-konvenut Ebejer ikun notifikat bl-atti</u> , tisma' u taqta' l-kawza mill-gdid"*. (Emfażi ta' din il-Qorti).

**14.** Din il-Qorti tibda biex tirrileva li trid timxi fil-parametri ta' dak li qalet dik is-Sentenza. Fost oħrajn intqal li dawn l-atti kellhom ikunu notifikati lill-konvenut. Fattur, li flimkien ma oħrajn, huwa determinanti għall-eżitu ta' din is-Sentenza parzjali.

**15.** Għalhekk li jrid ikun deċiż huwa, jekk bl-introduzzjoni tal-Kawża *simpliciter*, huwiex biżżejjed biex ikun interrott jew sospiż il-perjodu preskrittiv anke jekk l-atti ma jkunux ġew notifikati.

## Konsiderazzjonijiet

**16.** Jibda biex jingħad, li għalkemm mad-daqqa t'għajn jidher li l-problematika legali f'din il-Kawża hija waħda sempliċi, kemm is-Sentenzi u kif ukoll id-duttrina dwar din il-materja huma xi ftit konfliġġenti. Hemm

żewġ veduti dwar din il-kwistjoni, dik li tirribadixxi li bl-introduzzjoni ta' Kawża l-preskrizzjoni hija interrotta u l-oħra li ssostni li tkun sospiża.

**17.** In sostenn tal-ewwel linja ta' ħsieb, issir referenza għas-**Sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tal-5 ta' Marzu 1973, fl-ismijiet Louis Cuschieri nomine -vs- Silvio Mifsud nomine** fejn intqal hekk:

*"A writ of summons is a judicial act which interrupots prescription and is therefore subject to the provisions of* aesction *2130(1) Civil Code. Thus even if filed before the expiration of prescription a writ must , in order to interrupt prescription , be also served before the expiration of one month to be reckoned from the lasr day of the period of prescription"*. (Emfażi ta' dik il-Qorti u mhux ta' din).

**18.** Skond din is-Sentenza, dan ifisser, li *de lege ferenda*, japplika dak li jiddisponi l-artikolu 2128 tal-Kodiċi Ċivili. Dan jiddisponi li *"Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll b'kull att ġudizzjarju ppreżentat fl-isem tas-sid jew tal-kreditur, innotifikat lill-parti li kontra tagħha wieħed irid li ma jħallix timxi l-preskrizzjoni, u li minnu jkun jidher biċ-ċar illi s-sid jew il-kreditur bi ħsiebhomiżommu l-jedd tagħhom".*

**19.** Iżda dawn il-Qrati ma humiex konkordi fuq dan il-punt u jidher li fil-preponderanza tal-każijiet il-posizzjoni hi bħal dik riportata fis-**Sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-1 ta' April 2005 fl-ismijiet Il-Perit Arkitett u Inginjier Civili Joseph Sultana v. Ronald Gaerty**. Dik il-Qorti rinfaċċjata bl-istess vertenza legali kellha dan xi tgħid:

*"Il-pern tal-kwistjoni fil-fatt hu hekk hemmx tassew differenza, ghal fini ta' effetti legali, bejn ittra ufficjali mibghuta specifikament biex tinterpella lid-debitur u fl-istess waqt tinterrompi l-preskrizzjoni u att ta' citazzjoni maghmula proprju in ezercizzju ta' dik l-interpellazzjoni.*

*Dan il-punt gie ormaj definit b'numru ta' decizjonijiet konkordi ghal xulxin, liema decizjonijiet jaqblu ma' dak li gie sottomess mill-appellant, u kwindi bil-maqlub ta' dak li gie deciz fis-sentenza appellata. Hekk, fost ohrajn, fid-decizjoni moghtija minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, datata t-3 ta' Marzu 1995 fil-kawza fl-ismijiet: 'Dr E. Woods LL.D noe –vs- D. Jones et noe', gie ritenut hekk, in propozitu, "….l-Artikolu 2130 (tal-Kap. 16) ma hux applikabbli ghall-att tac-citazzjoni billi dan l-att jikkostitwixxi 'talba gudizzjarja' ai termini ta' l-Artikoli 2131 u 2132 tal-Kodici Civili. Il-preskrizzjoni in kwistjoni giet interrotta appena saret it-talba gudizzjali ta' l-attur nomine bil-prezentata tac-citazzjoni odjerna. L-Artikolu 2130 japplika meta si tratta ta' ittra ufficjali jew xi att gudizzjarju iehor skond l-Artikolu 2128 tal-Kodici Civili li bih il-kreditur juri li bi hsiebu jzomm il-jedd tieghu ta' azzjoni fil-konfront tad-debitur; Fil-kaz odjern, l-attur nomine mhux qieghed javza lill-allegat debitur tieghu li bi hsiebu jzomm il-jedd tieghu ta' azzjoni kif jghid l-Art. 2128, izda invece l-attur nomine qieghed effettivament jezercita dak id-dritt ta' azzjoni biccitazzjoni li ipprezenta entro t-terminu….."*

*Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti, kif ippresjeduta izda diversament komposta, fil-kawza Briffa vs. Debono*

*deciza fis-7 ta' Lulju 1992, fejn saret distinzjoni bejn l-att rinnovattiv ta' l-azzjoni (bhal ma hija l-ittra ufficjali jew il-protest) u l-att ezekuttiv taghha (bhal ma hija c-citazzjoni); Issir riferenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fid-9 ta' Gunju 1994, fil-kawza fl-ismijiet Alfred Gatt noe vs- David Jones et noe fejn l-istess eccezzjoni li tressqet f'din il-kawza giet respinta ghall-istess raguni."*

**20.** Id-distinzjoni hija bejn att rinnovattiv tal-azzjoni, u l-att eżekuttiv tagħha. L-ewwel wieħed huwa maħsub biex tikkonserva azzjoni bil-mezzi li jipprovdi l-artikolu 889 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta, tat-tieni biex tkun ezegwita l-azzjoni hekk rinovvata permezz ta' Kawża abbażi tal-artikolu 154 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jew kwalunkwe liġi oħra li tipprovdi għall-proċedura li tikkwalifika għall-Kawża u li permezz tagħha tiġi dedotta l-azzjoni.

**21.** Allura jekk l-introduzzjoni ta' Kawża ma tinterrompix, l-effetti tagħha inkwantu jirrigwarda l-preskrizzjoni x'inhuma? Skont din il-Qorti, sakemm il-Kawża tkun pendenti tkun tissospendi l-preskrizzjoni. Imma anke f'dan ir-rigward, din il-Qorti ħasbet fit-tul għaliex il-kawżi li jwasslu għas-sospensjoni tal-preskrizzjoni huma espliċitament artikolati mil-liġi taħt Sub-titolu II ta' Titolu XXV tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Dan il-vojt imtela' minn dak li għallmu il-Qrati in mankanza ta' tismija ċara fil-liġi in virtu' tal-prinċipju tan-*non liquet*. F'dan ir-rigward issir referenza għal dak li osservat il-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet **Giuseppe Bianco -vs- Maria Demarco et tat-28 ta' Jannar 1930** fejn ġie osservat:

*"Gli effetti della interruzione derivanti da una domanda gudiziale variano, secondo che' sia intervenuta sentenza definittiva o il giudizio sia stato lasciato a' mezzo. Nel primo caso la prescrizione resta sospesa per tutta la durata del giudizio, ed e' solo dalla sentenza che ricomincia a' correre il period prescrittivo."*

**22.** Dan it-tagħlim ġie segwit ukoll fis-**Sentenza tas tas-7 ta' Lulju, 2017 tal-Prim Awla fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. -vs- Lloyd's Malta Limited**). Tagħlim ġurisprudenzjali li jidher li gie imfassal fuq dak li jispjegaw ġuristi Taljani dwar din il-materja. (Ara **Giorgio Giorgi Teoria Delle Obbligazioni, Vol Vll, Firenze 1911; pg 454 u kif ukoll Francesco Ricci, Corso Teorico-Pratico Di Diritto Civile , Torino 1886 pg. 343**).

**23.** Għalhekk din il-Qorti waslet għall-konklużjoni, li l-introduzzjoni ta' Kawża ma ġġibx magħha l-effetti tal-interruzzjoni tal-preskrizzjoni iżda tissospendiha.

**24.** Il-kweżit li allura jitqanqal huwa, jekk f'każ bħal dan, hemmx il-ħtieġa li l-atti jkunu notifikati lill-persuna, li sa mill-introduzzjoni tal-Kawża kienet diġa' parti għaliha. Fil-każ ta' kjamat in kawża, biex interruzzjoni jew sospensjoni tal-preskrizzjoni tkun effettiva huwa meħtieġ li l-kjamat ikun notifikat bid-digriet tal-kjamata u l-atti tal-Kawża (Ara **Sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) per Maġ. Marsenne Farrugia tat-30 ta' Ġunju 2021 fl-ismijiet Middlesea Insurance plc -vs -Carmen Mizzi et**). Il-Qorti tfakkar, li l-kjamat in kawża jitqies bħala parti għall-Kawża anke

jekk fil-mument tal-introduzzjoni tagħha ma kienx parti oriġinali għaliha. Għalhekk jista' jkun ikkundannat jew illiberat mill-osservanza, kuntrarjament għall-intervenut li huwa meqjus bħala osservatur.

**25.** Il-Qorti tqies għalhekk is-segwenti:

**26.** Qabel xejn, kienet l-istess Qorti tal-Appell li ħasset in-neċessita' li tippuntwalizza li l-atti kellhom ikunu notifikati lill-konvenut Mario Ebejer. Dan żgur ma għamlitux għall-mera formalita', iżda għaliex ħasset li n-notifika tal-atti, fid-dawl tar-retroxena tal-każ, huwa essenzjali. Din il-Qorti l-anqas ma tista' ma tapplikax il-prinċipju fir-rigward ta' kjamat in kawża, li kif ingħad hu meqjus bħala parti, inkwantu jirrigwarda l-ħtiega tan-notifika anke ai fini ta' interuzzjoni jew sospensjoni ta' kull preskrizzjoni.

**27.** Din il-Qorti ma tistax ma tapplikax, inkwantu kompatibbli ma dak li ingħad aktar il-fuq, il-ħtieġa ta' notifika ta' att ai termini tal-artikolu 2130 tal-Kodiċi Ċivili. In-notifika ta' att li jikser jew jissospendi l-preskrizzjoni huwa prinċipju ġenerali meħtieġ ukoll sabiex il-parti interessata tkun taf b'dak l-att u għalhekk titqiegħed f'posizzjoni li tagħzel li tiddefendi ruħha skond il-liġi. Dan ifisser li l-Istitut tan-notifika huwa embrijonikament l-ewwel stadju li jwelled il-prinċipju l-ieħor daqstant essenzjali: smiegh xieraq. Din il-Qorti ma tistax timmaġina li persuna tkun ikkundannata mingħajr għarfien tal-esistenza ta' Kawża kontra tagħha. Huwa minħabba f'hekk li l-liġi tipprovdi għar-ritrattazzjoni, smiegħ mill-ġdid tal-kawża, meta ma jkunx hemm notifika valida ta' parti wara Sentenza. Artikolu 811(b) tal-kap 12 tal-liġijiet ta' Malta li jipprovdi hekk:

*"jekk ir-rikors ġuramentat ma jkunx ġie notifikat lill-parti telliefa, basta li din il-parti, għad li ma tkunx ġietinnotifikata, ma tkunx dehret fis-smigħ tal-kawża".*

**28.** A' propositu tal-Istitut ta' ritrattazzjoni fil-kuntest tal-Kawża li għandha quddiemha din il-Qorti, jridu jsiru s-segwenti osservazzjonijiet. Qabel kollox li l-Kawza ta' ritrattazzjoni li għamel referenza għaliha l-konvenut Mario Ebejer fi stadju ta' appell, u cioe' 529/2016 MH, din ġiet deċiża fil-11 ta' Ottubru 2019. Għalkemm din il-Kawża ċaħdet it-talbiet tal-konvenut Mario Ebejer, l-eżitu tagħha ma għandu ebda effett fuq il-mertu odjern.

**29.** Di piu', għalkemm jista' jkun argumentat li permezz tan-nota informattiva tat-8 ta' Novembru 2016 il-konveut seta' ta ruħu notifikat bl-atti, jibqa' dejjem fattwalment ċar, li sa dak in-nhar il-perjodu preskrittiv kien xorta diġa' għadda. Di piu', ciononstante l-imsemmija nota, risposta u appell inċidentali, kif diġa' rilevat aktar 'l fuq, kienet l-istess Qorti tal-Appell li ħasset il-ħtieġa li tgħid li l-atti **għandhom ikunu notifikati** lill-konvenut Mario Ebejer. Dan ifisser, li dik il-Qorti ma jidhirx li ħadet bħala notifika regolari l-interventi fi stadju tal-appell tal-konvenut Mario Ebejer.

**30.** Konsegwentement, din il-Qorti ser tkun qed tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenut Mario Ebejer tal-preskrizzjoni estentiva ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili. Dan peress li l-perjodu ta' sentejn imsemmija f'dan l-artikolu għadda. Dan il-perjodu qed ikun ikkalkolat mill-jum tal-akkadut u

cioe fil-31 ta' Awwissu 2008 sa meta l-konvenut Mario Ebejer ta' ruhu notifikat bl-atti fid-29 ta' Settembru 2021 (a' fol 326).

**31.** Fl-aħħar nett, il-Qorti tħoss li għandha tagħmel din osservazzjoni. Fid-decide tal-Qorti tal Appell intqal hekk:

"*Il-Qorti ghalhekk thassar is-sentenza appellata u tibghat l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex, wara li l-konvenut Ebejer ikun notifikat bl-atti, tisma' u taqta' l-kawza mill-gdid.*" (Emfażi ta' din il-Qorti).

**32.** B'konsegwenza ta' din il-parti tas-Sentenza, din il-Qorti hija obbligata li tordna l-prosegwiment tal-Kawza fir-rigward tas-Soċjeta' konvenuta, indipendentement minn din is-Sentenza parzjali. Dan qed jingħad għaliex il-Qorti tal-Appell ma provdietx x'għandu jiġri fil-każ tal-eventwalita' li ltaqat magħha din il-Qorti. Ovvjament, jekk għandhomx provi kollha mill-ġdid jew li tistrieħx fuq l-atti li għandha quddiemha din il-Qorti, hija deċiżjoni li trid teħodha l-parti.

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-vertenza li għandha quddiemha bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** tal-konvenut Mario Ebejer, u tiddikjara li l-azzjoni odjerna hija preskritta fil-konfront tiegħu ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tordna l-prosegwiment tal-Kawża fil-konfront tas-Soċjeta' konvenuta.

Bl-ispejjes ta' din l-istanza a' karigu tal-Attur.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**